# 56. Il-Għanja tas-Skiet

Għajjien għall-mewt
tlaqt minn ġol-belt;
xbajt nisma' l-karba
fl-uffiċċju tiegħi
ta' wlied il-poplu
li jitolbuni
ix-xogħol u d-djar;
dan moħħi għeja u qalbi
intgħasret bħal lumija.

Tlaqt minn ġol-belt,
u ġejt, Natura, għandek,
u inti lqajtni
fil-bajja ħelwa
tar-ramel tad-deheb.

U ġie għasfur biex jgħanni
fil-gallerija –
inti keċċejtu u għidtlu:
"dan illum idejqu saħansitra
in-notturn ta' chopin,
u l-isbaħ dawl
iweġġa' lil għajnejh."

U n-Natura,
ħelwa u ħanina,
kif dejjem kienet miegħi,
ħannitni, bennitni,
bil-għanja tas-skiet –
semmgħetni biss il-għanja
tal-mewġiet fuq ir-ramel,
din hi għanjiet il-moviment,
din hi għanjiet is-skiet
li jgħannu l-kwiekeb
fid-dawrien tagħhom sieket
ġol-univers;
u d-dawl urietni
ta' għabex sbejjaħ
li serraħ lil għajnejja.

Biss lilek ħalliet tidħol in-Natura,
ja Muża,
fil-kamra tiegħi,
biex tgħinni nikteb
dina tas-skiet il-għanja.

6/2/1972